GUSTIFIKAZZJONI TAL-KONTUMACJA

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' April 2002**

**Kawza Numru: 21**
**Citazzjoni Numru: 312/00/RCP**

**Adriana sive Diane Vella**

**vs**

**Stephen Vella**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 u 2 tal-process fejn gie premess:

Illi permezz ta' kuntratt in atti Nutar Marco Burlo' datat 23 ta' April 1998 l-attrici u l-konvenut qablu fuq

separazzjoni personali bonarja u dana b'numru ta' kundizzjonijiet hekk kif stipulati fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni (Dok. A); u

Illi l-partijiet kienu gew debitament awtorizzati li jidhru fuq l-att imsemmi in forza ta' digriet Numru 486/98 moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' April 1998 (Dok. B); u

Illi fi klawsola tnejn sub-inciz sitta (2) (vi) tal-imsemmi att l-konvenut kien intrabat li jhallas manteniment lill-attrici u l-minuri wliedu fl-ammont ta' erbghin lira Maltin (Lm 40) fil-gimgha liema manteniment kellu jigi rivedut fl-1 ta' Marzu 1999, u hekk kull sena sussegwenti, u l-konvenut mhux qed ihallas, u ilu ma jhallas tali manteniment minn April 1999 kit miftiehem, minghajr ebda raguni valida fil-ligi; u

Illi fi klawsola tnejn sub-inciz disgha (2) (ix) tal-imsemmi att l-partijiet qablu li l-ispejjez ta' natura straordinarja relattivi ghall-edukazzjoni tat-tfal minuri ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut, u ghalkemm interpellat sabiex jikkontribwixxi ghall-dawn l-ispejjez, il-konvenut baqa' inadempjenti; u

Illi fi klawsola hdax sub-inciz disgha (11) (ix) tal-imsemmi att il-partijiet qablu li l-komunjoni tal-akkwisti tinqasam f'zewg porzjonijiet, ossia Portion A u B, u li

l-porzjoni A ghandha tigi trasferita liIl-konvenut u porzjoni B liIl-attrici; u

Illi l-vettura Suzuki Vitara Numru ta' Registrazzjoni DAT 025, skond l-imsemmi att ghandha tkun formanti parti mill-porzjoni trasferita lill-attrici, u in effetti l-attrici qeghda thallas id-dejn rimanenti fuq l-imsemmija vettura, u nonostante li l-konvenut gie interpellat sabiex jersaq ghat-*transfer* tal-imsemmija vettura, baqa' inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut mhux qed jonora u jimxi hekk kif obbliga ruhu li jaghmel skond il-kuntratt ta' separazzjoni li sar mal-attrici in atti Nutar Marco Burlo' datat 23 ta' April 1998, fejn l-konvenut obbliga ruhu li jhallas manteniment ta' erbghin lira Maltin (Lm40) fil-gimgha lill-attrici u tfal ulied minuri, liema manteniment kellu jigi rivedut fl-1 ta' Marzu 1999, u hekk kull sena sussegwenti, u dan kif huwa stipulat fi klawsoli tnejn sub-inciz sitta (2) (vi) tal-istess att.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu ghaliha u ghat-tfal minuri Dylan u Erica Dacoda l-arretrati dovuti bhala manteniment minn April 1999, *stante* li ghalkemm gie effettwat pagament fit-12 ta' Lulju 1999, rapprezentanti manteniment ghall-perjodu ta' erbataxi-il gimgha b'rata ta' hmistax-il lira Maltin

(Lm15) fil-gimgha, tali pagament ma hux komplet, u cjoe' mhux bir-rata ta' erbghin lira Maltin (Lm40) fil-gimgha kif miftiehem, u inoltre ma sar l-ebda pagament minn dak iz-zmien 'il quddiem.

3. Tiffissa dik ir-retta alimentari xierqa u adegwata ghall-attrici u ghat-tfal minuri skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti.

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkontribwixxi ghall-ispejjez relativi ghall-edukazzjoni tal-imsemmija tfal minuri, liema spejjez diga' ammontaw ghal izjed minn tliet mitt lira Maltin (Lm300) mid-data tal-kuntratt, kif ser jirrizulta mill-mori tal-kawza, u dan kif huwa stipulat fi klawsola tnejn sub-inciz disgha (2) (ix) tal-imsemmi att.

5. Tordna li l-konvenut jersaq ghat-trasferiment tal-vettura Suzuki Vitara bin-Numru ta' Registrazzjoni DAT 025 *stante* li l-imsemmija vettura hija formanti parti mill-porzjon B, liema porzjon gie trasferit lill-attrici kif jirrizulta mill-klawsola hdax sub-inciz disgha (11) (ix) tal-imsemmi att.

6. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) bl-interessi legali

mid-data tal-kuntratt tat-23 ta' April 1998 u kull somma ohra li tigi likwidata minn din il-Qorti bhala danni sofferti mill-attrici kawza tal-inadempjenza tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi l-ittri interpellatorji datati 14 ta' Lulju 1999 u 30 ta' Dicembru 1999, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 sa 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 21 tal-process;

Rat il-verbali tal-31 ta' Ottubru 2000, tal-14 ta' Frar 2001 fejn deher Dr. Stephen Thake li assocja ruhu fil-patrocinju tal-konvenut u b'rikors tat-8 ta' Frar 2001 talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu. Il-Qorti ordnat li dan ir-rikors jigi notifikat lill-kontro-parti b'gimgha zmien ghar-risposta; tat-13 ta' Marzu 2001 fejn dehret Dr. Graziella Bezzina li assocjat ruhha fil-patrocinju tal-attrici u tat ruhha b'notifikata bir-rikors tal-konvenut. Il-Qorti pprefiggiet gimgha zmien ghal tali risposta.

Rat ir-rikors tat-8 ta' Frar 2001 tal-konvenut u r-risposta tal-attrici datata 5 ta' April 2001.

Rat il-verbali tat-13 ta' Gunju 2001; tas-16 ta' Novembru 2001 fejn id-difensuri trattaw ir-rikors. Il-Qorti tat il-fakolta' li jekk ikun il-kaz id-difensuri jistghu jipprezentaw nota ta' riferenzi fir-rigward tal-materja in kwistjoni. Il-kawza thalliet ghall-provvediment ghall-14 ta' Dicembru 2001.

Rat in-nota tal-konvenut datata 4 ta' Dicembru 2001.

Rat il-verbali tal-14 ta' Dicembru 2001 fejn peress li l-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentement presjeduta; tas-6 ta' Frar 2002 u tat-18 ta' April 2002 fejn il-kawza thalliet ghal decizjoni fuq il-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghall-lum 30 ta' April 2002.

Rat li l-konvenut Stephen Vella gie debitament notifikat fl-20 ta' Novembru 2000 (a tergo fol. 26) izda baqa' ma prezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat ir-rikors tal-konvenut Stephen Vella tat-8 ta' Frar 2001 a fol. 30 tal-process fejn talab l-gustifikazzjoni tal-kontumacja tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. LIGI U GURISPRUDENZA

Illi skond l-**Artikolu 187 tal-Kap 12**, hemm stipulat kif ghandhom isiru n-notifiki w *inter alia* fl-istess **Artikolu 187 (1)** jinghad li din ghandha tithalla *"f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f' idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod, jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha".*

Illi din il-Qorti gia kellha l-opportunita li tippronunzja ruhha fuq il-kwistjoni tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja u l-principji li jirregolawha fis-sentenza taghha fl-ismijiet **"David Jones et vs Joe Pace et" (Citaz. Nru 1302/97/RCP)** deciza fis-16 ta' Novembru 1998, fejn il-parametri tal-istess kuncett gew ikkonfermati fis-sens li minn naha wahda il-Qorti trid ikollha konvinciment morali tal-aspett negattiv tal-konvenut, sabiex jigi osservat il-principju *'audi alteram partem'* u minn naha l-ohra "ma jridx ikun hemm negligenza tal-parti jew tal-mandatarju taghha, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm *'il-culpa'* u f'dak il-kaz il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn ghaliex *"qui culpa sua damnum sestit non videtur damnum sentire"* **(Appell. "Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici")** deciza fit-12 ta' Dicembru 1970.

Illi fil-kawza **"Albert Mizzi noe vs Id-Direttur tax-Xoghlijiet" (**P.A.M. 19 ta' Frar 1990. Vol. VLXXIV iii. 451.) sostniet li **l-Artikolu 187 (1)** ghandu jiftiehem fis-sens illi jekk il-konsenja tal-kopja tal-att issir lil wahda mill-persuni ndikati mill-ligi ghandu jigi prezunt ghall-finijiet tan-notifika illi hija waslet ghand id-destinatarju. Dan pero`, ghall-finijiet tal-purgazzjoni tal-kontumacja (ezercizzju li prattikament jippistula notifika procedurali valida, ghax altrimenti l-persuna interessata timxi proceduralment mod iehor) ma jipprekludiex lill-persuna li kellha tigi u guridikament giet notifikata izda qatt ma giet murija l-att mill-persuna li rcevietu u bil-ligi setghet tircevieh, illi fil-kazijiet kongrui tfittex l-imsemmija purgazzjoni.

Illi kemm f'dan il-kaz citat u kemm fil-kaz **"Alfred Piscopo vs Direttur tas-Servizzi Socjali"** (Appell. 4 ta' Mejju 1992 – Vol. LXXXI. 293) inghad li meta jkun *"hemm inkompetenza u/jew negligenza da parti ta' l-addetti tal-konvenut, pero` ma jidhirx li sal-mument li kien ghaddej it-terminu ta' 20 jum kellu xi kontroll jew mezz l-istess konvenut biex jirrispondi".* L-istess inghad fis-sentenza **"Paul Vella et vs Anthony Ellul"** (P.A.S.P. 4 ta' Lulju 1991) fejn gie applikat l-istess principju meta n-nuqqas ikun minn membru tal-familja tal-konvenut – dan ibbazat fuq il-principju li "*jekk ma jkunx hemm ebda nuqqas da parte tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa:- ma ghandu*

*jkun hemm ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata*".

Illi infatti fl-istess sentenza **"Paul Vella et noe vs Anthony Ellul"** (P.A.SP - 4 ta' Lulju 1991) fejn in-nuqqas kien da parti ta' membru tal-familja tal-konvenut gie ritenut li:-

"*Din il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumacja bhala mizura punittiva necessarja biex tassigura serjeta' fil-proceduri u rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-ohra proprju minhabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, hi tifhem li r-rigorosita' tal-procedura ghandha tigi applikata w interpretata b' mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa … … … … … anki ghax ma jistax ikun hemm kolpa fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika ta' l-att bhala fatt, ma ghandu jkun hemm l-ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata*."

Dawn il-principji gew applikati minn din l-istess Onorabbli Qorti fil-kawza **"Michael u Natasha konjugi Philippov vs Paul Stoner f' ismu proprju u bhala direttur u in rapprezentanza tas-socjeta' Greys Development Division Limited"** (Citazzjoni Numru 1047/97/RCP deciza fid-9 ta' Dicembru 1998)

u l-kawza l-ohra fl-istess ismijiet deciza fis-16 ta' Dicembru 1998.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Appell mill-Bord) fl-ismijiet **"Margaret Bugeja u Tereza Azzopardi vs Alfred Ellul"** (JSP deciza fit-13 ta' Jannar 1999), il-Qorti elenkat il-principji li jirregolaw lil dan l-istitut:-

1. Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta u gustifikata jekk kienet volontarja.

2. Lanqas tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza.

3. Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta.

4. Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f' impediment legittimu.

5. L-impediment biex ikun legittimu ghandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci.

6. L-izball ma hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli ghaliex ikun vincibbli allura jigi ekwiparat ghall-kolpa.

7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, "*una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*".

8. L-impossibilita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikolta gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.

9. (Ara ukoll XXV. i. 323; Vol XXXVI. i. 338; Vol XXXXVI. ii. 484; Vol XLIII. i. 545, 605; Vol XLVI. i. 533, 542, 545, 546 u ohrajn).

"*Dawn il-principji ghandhom pero' jigu applikati fl-isfond tas-segwenti insenjament ta' din il-Qorti illi jenfasizza l-origini ta' l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta' dixxiplina lejn l-awtorita' tal-Qorti u sanzjoni ghan-nuqqas ta' rispett lejn l-awtorita' taghha*" (vide **"Macpherson Mediterranean Ltd vs Godwin Gatt Suban et"** deciza 21.4.1999 – Citazzjoni Numru 2409/97/RCP).

**B. <u>APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-KAZ IN EZAMI</u>**

Illi l-bazi tat-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja mitluba mill-konvenut fir-rikors tieghu tat-8 ta' Frar 2001 hija li ghalkemm in-notifika tac-citazzjoni saret validament huwa haseb li l-inkartament kien jirreferi ghall-kawza jew proceduri ohra gia pendenti quddiem

din il-Qorti bejn l-istess partijiet u senjatament fil-kawza fl-ismijiet inversi b'Citazzjoni Numru 1277/99, u kien ghalhekk li peress li haseb li huwa ma kellux ghalfejn jirrispondi l-istess interpellanza u kien biss meta mar ghand l-avukat tieghu li dan infurmah li din kienet procedura gdida u kien naqas li jirrispondi fit-terminu stipulat.

Illi dawn il-fatti ma gew bl-ebda mod ikkontestati u fl-opinjoni ta' din il-Qorti ghandu jirrizulta li dan kien zball genwin da parti tal-konvenut li tfixkel azzjoni b'ohra b'mod li huwa qatt ma kellu ntenzjoni jew li juri dispett lejn l-Awtorita` tal-Qorti u lanqas li jinjora l-interpellazzjonijiet lilu maghmula u wisq anqas li ma jikkontestax l-istess kawza. Certament li din il-Qorti ma qeghda bl-ebda mod tghid li l-komportament tal-konvenut huwa idejali jew ta' min ifahhru, pero` mic-cirkostanzi tal-kaz jidher li l-konvenut agixxa taht impressjoni zbaljata u b'hekk lanqas ghandu jigi sanzjonat b'mod li jigi mwaqqaf milli jiddefendi l-kawza tieghu, anke peress li mmedjatament kif gie attirat lilu mill-avukat tieghu l-izball li huwa kkommetta huwa mill-ewwel agixxa sabiex jirratifika l-istess kemm permezz tar-rikors premess u kemm ukoll mill-fatt li huwa kwazi dejjem deher ghas-seduti li saru sussegwentement quddiem din il-Qorti, anke permezz tad-difensur tieghu.

Illi fil-fatt huwa sintomatiku dak li nghad fis-sentenza: **"David Jones vs Joe Pace"** deciza fis-16 ta' Novembru 1998 (Cit Nru 1302/97/RCP), u cjoe`:

*"Illi l-punt krucjali f' din il-vertenza naxxenti minn rikors tal-konvenuti hija biss jekk l-konvenuti kienux negligenti u l-kontumacja taghhom kenitx wahda kolpuza, u ghalhekk ghandhomx jigu ammessi biex jippurgaw l-kontumacja.*

*Illi f' dan l-aspett hija krucjali l-volontarjeta o meno tal-konvenut f' dan il-kaz, u minn ezami tal-provi, jirrizulta ippruvat, li ghalkemm l-komportament tal-konvenut ma kienx wiehed ideali, fil-fatti specie tal-kaz, jirrizulta car li huwa ma rrispondiex dan il-kaz stante li genwinament haseb li z-zewgt atti gudizzjarji li rcieva, li kienu simili hafna, f'dak li jirrigwarda partijiet, in-natura tal-kawza, is-sede tal-Qorti, u wkoll in-numri tal-istess, kienu fil-fatt kopja ta' xulxin u ghalhekk kawza wahda, tant li ghand l-Avukat huwa fil-fatt ha citazzjoni wahda, li giet debitament risposta, u l-ohra ma hadhiex peress li haseb li kienet biss kopja. Kif induna li fil-fatt kienu zewg kawzi, sar ir-rikors mertu tal-lum.*

*Fuq kollox ir-reazzjoni tal-konvenut meta nduna bl-izball, juri li l-azzjoni tieghu ma kenitx intiza biex "turi kontumelia u dispett ghas-sejha tal-Qorti … … ghaliex hija din id-dizubbidjenza, animata*

*psikologikament b'dawk il-fatturi ta' kontumacja u dispett, li l-Ligi tirreprimi u tippunixxi, inkwantu kontumacja bhal dik, hi element ta' dizordni socjali" (**"Joseph Vella noe vs John Vella"** Vol.VLXXXII.II.171. Appell 21.5.1993)."*

Illi dan il-kaz huwa simili ghal dak fuq kwotat bid-differenza li c-citazzjoni li ghaliha rrefera l-konvenut kienet diga' pendenti quddiem din il-Qorti u ghalhekk l-istess principji fuq elenkati ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern.

Illi fil-fatt dan jikkonferma dak li nghad fis-sentenza bl-ismijiet **"Emanuela Gerada et vs Joseph Abela et"** (A.C. 17 ta' Marzu 1997) fejn inghad illi:

"*Hemm differenza sostanzjali bejn konvenut li juri nuqqas ta' nteress fil-kontestazzjoni ghat-talba tal-attur u anke ma jidhirx fl-udjenza meta jigi msejjah u bejn konvenut li jindika li huwa kellu l-intenzjoni li jikkontesta t-talbiet attrici pero` li dan m'ghamlux bil-mod preskritt bil-ligi jew fit-termini previsti fil-ligi (Vol LXXVII.iii.195)"*.

Illi ghalhekk it-talba fir-rikors tal-konvenut tat-8 ta' Frar 2001 ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-attrici tal-5 t'April 2001, **tilqa' t-talba tal-konvenut rikorrenti** tat-8 ta' Frar 2001 b'dan li tiddikjara li l-istess konvenut irnexxielu jiggustifika l-kontumacja tieghu u ghalhekk tipprefiggi terminu ta' ghoxrin (20) gurnata mill-lum sabiex l-istess jipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet tieghu skond il-ligi.

Illi l-ispejjez ta' din il-decizjoni ghandhom jibqghu a karigu tal-istess konvenut minhabba c-cirkostanzi tal-kaz.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace.**
**30 ta' April 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**30 ta' April 2002**